MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 2482/1999/1

**Emmanuel Cuschieri**

***v.***

**Daphne Caruana Galizia**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta minn sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li wara li sabet illi l-

konvenuta tat malafama lill-attur b'artikolu ippubblikat f'gazzetta ta' kuljum ikkundannatha tħallas bħala danni disa' mija u ħamsin euro (€ 950) flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż tal-kawża. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fil-ħarġa tal-21 ta' Ottubru 1999 ta' gazzetta ta' kuljum deher artikolu miktub mill-konvenuta. Fil-parti ta' dan l-artikolu li għandha relevanza għall-kawża tallum il-konvenuta ikkummentat dwar ir-reazzjoni ta' xi wħud għal programm televiżiv immexxi minn terza persuna u qabblet din ir-reazzjoni ma' dak li tħoss hi meta tisma' programm fuq ir-radjo mmexxi mill-konvenut. Lill-attur deherlu li b'dan l-artikolu l-konvenuta tatu malafama u għalhekk fetaħ din il-kawża tallum. Il-konvenuta wieġbet illi l-kitba li minnha jilmenta l-attur hija "*fair comment* ibbażat u mibni fuq fatti sostanzjalment veri u ta' interess pubbliku".

3. Is-silta relevanti mill-artikolu hija miġjuba hawn taħt, u l-partijiet li minnhom jilmenta partikolarment l-attur huma murija bil-*kursiv*:

> *"The full, grisly horror of Mr Cuschieri's methods cannot be described* to, or appreciated by, those who never listen to him. His "discussions" – always with the mentally- and intellectually- challenged – about the very same matter and court case tackled on Pjazza 3 once made me physically ill. And it takes a lot to do that.
>
> *"His is the sort of voice and mode of discourse that sowed anti-Semetism and every other form of hate-creed over the radio in the days when that medium was more popular than television*.
>
> "Lou Bondi made some mistakes, but the main reason all the movers and shakers jumped on him is that they were watching him.
>
> *"On the other hand, they weren't listening to Mr Evil when he was having a field-day* and I was the only one protesting.

> "I can't really take seriously any objectors who are so selective in their approach. *Why Lou's one-off show and not Manwel Cuschieri's long-running, incessant sedition*? Why the man who genuinely made a couple of errors of judgement, and who has no *seditious agenda*, and not the man who carefully maps out his manipulation and who *deliberately waters the seeds of ignorance, hatred* and suspicion, *bringing them to full flowering*.
>
> "I have a quick answer to that. It is easy to pick on Lou Bondi, who belongs to neither political party machine. It is not so easy to pick on Manwel Cuschieri, who is the voice of the Labour Party, modern or not."

4. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuta u laqgħet it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija kawża dwar libell famuż. L-attur jgħid li l-imħarrka inġurjatu bil-kitba minnha ta' artiklu f'gażżetta li fih għamlet kummenti dwar dak li hija tħoss dwaru meta tisma' l-programmi tiegħu fuq stazzjoni tar-radju. Huwa jgħid li f'xi siltiet mill-imsemmi artiklu għamlet rimarki li jagħtuh isem ħażin u jwaqqgħulu l-istima ma' dawk li jisimgħuh jew li setgħu qraw l-istess artiklu. L-attur qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni għall-ħsara li ġabitlu dik il-kitba;
>
> "Illi l-imħarrka laqgħet billi invokat id-difiża tal-kumment ġust imsejjes u mibni fuq fatti sostanzjalment minnhom u ta' interess pubbliku;
>
> "Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur għamel żmien imexxi programmi ta' suriet differenti fuq stazzjon privat tar-radju. Huwa kien iħaddan ukoll ħatra fit-tmexxija tal-Partit Laburista u jinvolvi ruħu wkoll f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi għall-partit. L-imħarrka kienet opinjonista mal-gażżetta *The Malta Independent* u, fost l-oħrajn, kienet tikteb artiklu f'dik il-gażżetta kull ġimgħa f'sensiela msejħa "*Daphne on Thursday*";
>
> "Illi fil-ħarġa tal-imsemmija gażżetta tal-21 ta' Ottubru 1999, deher artiklu bil-firma tal-imħarrka taħt ir-ras "*Vote, or be fined*". L-artiklu kien maqsum fi tnejn: [... ... ...]; it-tieni parti (li fih saru l-kummenti dwar l-attur) kien jitkellem dwar xi reazzjonijiet li kienu qamu dwar kummenti li kien għamel preżentatur ta' trasmissjoni televiżiva dwar is-sistema tal-ġuri (ma' liema trasmissjoni l-attur ukoll ma kien bl-ebda mod imdaħħal), u li fih hija wriet il-fehma tagħha dwar x'messhom kienu r-reazzjonijiet tan-nies li kieku, minflok, kienu jisimgħu l-programmi (radjufoniċi) tal-attur;
>
> "Illi l-attur fetaħ din il-kawża tliet ġimgħat wara li deher l-imsemmi artiklu;
>
> "Illi l-qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ billi tirrileva li, fil-każ tal-lum, il-kwestjoni ewlenija tinvolvi l-aspett tal-kumment ġust

imqajjem b'difiża mill-imħarrka, u dan fid-dawl tal-kummenti li hija għaddiet dwar l-attur. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-kummenti li jirrigwardaw l-artiklu taħt eżami u s-siltiet imsemmija mill-attur bħala dawk li huwa jħoss li joffenduh u jagħtuh isem ħażin, huma lkoll diretti lejn l-attur. L-imħarrka nnifisha tikkonferma dan u x-xhieda mressqin minnha lkoll xehdu dwar l-attur u kif iqisu l-mod li bih huwa jmexxi l-programmi tiegħu, l-aktar wieħed minnhom li kien iġib l-isem ta' "*Tajjeb li tkun taf*";

"Illi s-siltiet mill-artiklu li l-attur jilminta partikolarment minnhom huma (1) "*The full, grisly horror of Mr Cuschieri's methods cannot be described to, or appreciated by, those who never listen to him*"; (2) "*His is the sort of voice and mode of discourse that sowed anti-Semetism and every other form of hate-creed over the radio in the days when that medium was more popular than television*"; (3) "*On the other hand, they weren't listening to Mr Evil when he was having a field-day...*"; (4) "*Why Lou's one-off show and not Manwel Cuschieri's long-running, incessant sedition?*"; (5) "*seditious agenda*"; u (6) "*deliberately waters the seeds of ignorance, hatred ... bringing them to full flowering*";

"Illi l-attur iqis li l-kliem minnu identifikat, iżda l-aktar il-frażijiet "*Mr Evil*", "*hate-creed*", "*sowed anti-Semetism*" u "*seditious agenda*", jissarrfu f'"attentat ta' assassinju tal-karattru" tiegħu u jikkostitwixxu kalunnja fil-konfront tiegħu. Huwa jara dawn il-frażijiet – fil-qafas tal-artiklu kollu dwaru – bħala xiljiet partikolari minn naħa tal-imħarrka ta' attribuzzjoni ta' reat u wkoll ta' mibegħda razzjali b'dak kollu li dawn it-tikketti jħallu f'moħħ il-qarrej tal-istess artiklu;

"Illi, kif ingħad, l-artikolista mħarrka toqgħod fuq id-difiża li l-kitba tagħha inkriminata kienet kumment ġust mibni fuq fatti sostanzjalment minnhom u li sar fl-interess pubbliku. Min-natura tal-istess difiża, il-ġurisprudenza tgħallem li jrid jintwera li l-fatti attribwiti jkunu sostanzjalment minnhom. Minbarra dan, jaqa' fuq minn iressaq difiża bħal din il-piż tal-prova tal-fatt attribwit u jkun naqas minn dak id-dmir – u għalhekk jiġi passibbli għas-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi – jekk jirriżulta li dak li jkun semma ma jkunx jaqbel mal-verità sostanzjali u huwa ma jkunx wettaq l-istħarriġ meħtieġ biex jagħraf x'kien il-fatt li seħħ fis-sewwa;

"Illi dwar id-difiża tal-verità tal-fatti ("*plea of justification*"), irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbiltà kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabilit li "*in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendent to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified*";

"Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. "*A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages*";

"Illi ma hemm l-ebda dubju li l-attribuzzjoni permezz ta' pubblikazzjoni lil xi persuna ta' mġiba li tikkostitwixxi reat hija ħaġa li tnissel il-fama ħażina f'dik il-persuna u minnha nnifisha ġġib l-effetti maħsuba mil-liġi tal-istampa. Tali effetti jgħoddu meta l-attribuzzjonijiet ikunu diretti kemm lejn persuna privata u, jekk mhux aktar ukoll, lejn persuna bi profil għoli fil-ħajja pubblika. Għallanqas sa issa, fil-moħħ kollettiv tas-soċjetà tagħna, li timplika lil persuna b'imġiba li tammonta għal reat ma jitqiesx bħala kumpliment. It-tikkettar ta' persuna b'"aġenda sedizzjuża" jew ta' mibegħda ta' razza hija attribut ta' mġiba kriminali. Attribuzzjoni jew imġiba bħal din jitolbu l-prova tal-fatt kriminuż allegat u xejn anqas minn hekk;

"Illi minn kif inhi x-xejra tal-artiklu inkriminat mertu ta' din il-kawża, jidher ċar li l-artikolista kienet qiegħda turi l-fehmiet tagħha dwar l-istil u l-mod kif l-attur itella' l-programmi radjufoniċi tiegħu. Tant hu minnu dan, li l-attur iddaħħal fl-artiklu bi tqabbil mal-mod kif preżentatur ieħor mexxa programm televiżiv li kien qala' ċerta kritika wara li xxandar. Tul l-artiklu wkoll, l-artikolista tqabbel lill-attur mal-imsemmi preżentatur, u turi l-fehmiet qawwija tagħha għaliex in-"nies" kien messhom infexxu jikkritikaw lill-attur għall-mod kif jippreżenta l-programmi tiegħu milli jinfexxu fil-preżentatur l-ieħor. Iż-żewġ xhieda li ressqet l-artikolista mħarrka tkellmu speċifikatament dwar il-kontenut u l-metodi li jinqeda bihom l-attur meta jtella' l-programmi tiegħu, iżda l-ebda wieħed minnhom ma xehed biex isejjes l-attributi ta' kommissjoni ta' reati li s-siltiet inkriminati jitfgħu fuq l-attur. L-istess artikolista wkoll naqset li turi b'fatti li l-attur kien tassew jaħti ta' mġiba sedizzjuża jew jimxi b'aġenda sedizzjuża jew kif wera mibegħda razzjali. Għall-kuntrarju, fix-xiehda tagħha hija ma kinitx f'qagħda li speċifikatament tgħid x'kien qal l-attur f'xi programm partikolari li bih setgħet torbtu ma' xi waħda mill-attributi kriminali li semmietlu fl-artiklu tagħha; stqarret li ma kienx xi kliem preċiż li semgħet lill-attur jgħid li wassalha biex għamlet dawk il-kummenti dwaru fl-artiklu inkriminat, iżda sitt xhur sħaħ ta' smigħ ta' programmi tiegħu li qanqlulha dawk il-fehmiet; u, mbagħad, meta mitluba biex issemmi l-fatti li kienet tirreferi għalihom biex wassluha tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet dwar l-attur, wieġbet hekk "*Kif nista' nibda! Ghidtlek, sitt xhur sħaħ ta' sagħtejn kuljum! Kif nista' nibda! U hemm mod kif tikkreja l-kultura tal-mibegħda mingħajr ma tgħid xejn inti stess ukoll, li tħalli, tinstiga lin-nies iċemplu u mbagħad taqbel magħhom jew tgħid 'jiena ma naqbilx miegħek imma għandek dritt għall-opinjoni tiegħek' minflok tgħid '… inti qed tgħid affarijiet libellużi*";

"Illi dawn iċ-ċirkostanzi joħorġu ċar li l-għan ewlieni tal-artiklu inkriminat kien li jikkritika l-istil tat-tmexxija tal-programmi radjufoniċi li jtella' l-attur. Din hija kritika li tista' ssir u, wisq drabi, tajjeb li ssir. Madankollu, dan ma jissarrafx, fil-fehma tal-qorti, għall-prova tal-fatt li l-attur tassew jaħti għall-attributi ta' reati li tixlih bihom l-artikolista;

"Illi f'dan il-waqt, xieraq li l-qorti tqis id-difiża tal-kumment ġust ("*fair comment*"). Kif diġà ngħad, biex din id-difiża tgħodd, trid tkun mibnija fuq fatti li ġraw u mhux fuq fatt mistħajjel jew mgħawweġ skond il-fehma ta' min ikun qed jagħmel il-kumment inġurjuż. Huwa mgħallem, li, biex tkun tajba, id-difiża tal-kumment ġust trid tintwera li l-bażi ta' kull kritika jew kumment li ssir taħtha jinbnew fuq fatti li "ikunu vera fil-kompletezza tagħhom";

"Illi huwa stabilit ukoll li biex tirnexxi d-difiża tal-kumment ġust, irid jintwera li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun. Il-qorti tifhem li din il-linja ta' interpretazzjoni meħuda mill-qrati Maltin tista' titqies bħala rigoruża u stretta, meta mqabbla mal-fehmiet ta' awtoritajiet jew duttrina evoluta fl-aħħar żminijiet, l-iżjed fejn jidħol l-aspett tal-fatti li jsawru jew jagħtu l-bidu għall-kumment li jkun sar;

"Illi, kif ingħad, il-ħsieb ewlieni (jekk mhux waħdieni) wara l-artiklu mertu ta' din il-kawża hu li l-artikolista turi li ma taqbilx mal-mod kif l-attur imexxi l-programmi tiegħu. Dan in-nuqqas ta' qbil jieħu s-sura ta' stmerrija kemm għall-kontenut tal-programmi u wkoll lejn l-attur bħala persuna. Waħda mis-siltiet indikati mill-attur turi li l-artikolista tikkumenta wkoll dwar il-manjeriżmi tiegħu meta ssemmi l-intonazzjoni li jħaddem l-attur waqt il-programmi msemmija, u tqabbilha mal-intonazzjoni wżata fi trasmissjonijiet ta' żmien ilu minn sistemi anti-semiti. Il-qorti, mill-provi mressqa quddiemha, ma jifdlilha l-ebda dubju li bejn l-attur u l-artikolista ma hemm l-ebda simpatija, la fuq livell personali u wisq anqas fuq dak professjonali. L-attur, saħansitra jgħid li dan l-atteġġament bejniethom ilu għaddej żmien konsiderevoli;

"Illi f'dan ir-rigward il-qorti jidhrilha xieraq li tiċċita minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell li jidher li toqgħod ħafna għall-każ tal-lum:

> ""Minn dawn il-konsiderazzjonijiet allura hu leġittimu li wieħed jiġbed il-konklużjoni li ma kien hemm xejn legalment skorrett illi ġurnalist jikkontesta anke l-operat professjonali ta' ġurnalist ieħor, fis-sens li jiddikjara ruħu mhux soddisfatt bil-*modus operandi* tiegħu u anke jagħti raġuni ta' dak li, fil-fehma tiegħu, jidhirlu li hi r-raġuni għal tali nuqqas, jekk u sakemm il-fatti essenzjali li dwarhom ikun ifforma dik l-opinjoni u esprima dak il-kumment kritiku, jirriżultaw li kienu sostanzjalment korretti. ... l-espressjoni demokratika tenħtieġ li tingħata l-aktar spazju possibbli fil-konfront tal-operat ta' figuri pubbliċi

> li kellhom ikunu suġġetti għall-iskrutinju tal-istampa ħielsa, anke jekk dan ikun a skapitu ta' skonfort u inkonvenjenza għal dawn il-persuni li lejhom tkun immirata. Japplika dan allura għall-kritika tal-ġurnalist fil-konfront ta' ġurna-list ieħor, dejjem sakemm però l-materja tkun waħda ta' interess pubbliku ... Inoltre, u dan huwa sewwa li jingħad għaliex jimmerita riflessjoni, il-fatti kellhom ikunu sostanzjalment korretti prinċipalment fir-rigward ta' dawk l-elementi storiċi li fuqhom l-artikolu jkun ibbażat. Dan ifisser li ma kienx neċessarju bħala regola li l-fatti kollha indikati mill-artikolista bħala bażi għall-kummenti tiegħu kellhom ikunu eżattament veritjeri. Kien ukoll permess fl-artikolu, kritiku tal-kontro-parti, li jkun hemm xi elementi ta' fatt li ma jkunux jirriżultaw provati sakemm dawn ma kinux determinanti għall-fini tal-artikolu. Dan ifisser li l-qorti kellha tħares biex tistabilixxi illi s-sustanza tal-fatti kienet vera u li l-fatt li jkun hemm xi ċirkostanza minn dawk il-fatti li ma tkunx provata jew li ma tkunx adegwatament stabbilita, ma jwasslekx għall-konklużjoni li l-artikolu jkun malafamanti u inġurjuż tal-fama ta' ħaddieħor. Dan naturalment sakemm il-fatt li jirriżulta ma jkunx provat, jew ma jkunx veritjer, ma jkunx fih innifsu addebitu malafamanti, bħal per eżempju, jekk il-fatt ikun jaddebita lil persuna malafamata l-kommissjoni ta' rejat. F'dak il-każ allura, l-inġurja ma tkunx temani mill-artikolu imma mill-fatt stess tal-addebitu kriminuż li, fih innifsu, ikun jikkostitwixxi l-malafama indipendentement mill-kontenut tal-artikolu impunjat."[1]

"Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-artikolista mħarrka validament tirrileva li hija għandha kull dritt li tikkummenta dwar id-diportament tal-attur fil-programmi tiegħu, u kif ukoll li tgħaddi *value judgment* dwaru, ukoll meta dawn il-ġudizzji jaħsdu, joffendu u jħawdu lil min ikun jaqrahom. Madankollu, kif tajjeb jirrileva l-attur fin-nota tiegħu, biex tagħmel kritika jew kummenti bħal dawk hemm bosta metodi li wieħed jista' juża, iżda mhux l-insult jew il-qtil tal-karattru bl-attribuzzjoni ta' mġiba kriminali;

"Illi f'dan il-kuntest il-qorti tislet is-silta li ġejja minn wieħed mid-dokumenti li jinsabu fl-atti tal-kawża u li tressaq minn wieħed mix-xhud imtellgħin mill-artikolista imħarrka li jgħid: "*It-tweġiba għall-programmi tas-Sur Cuschieri mhux li jsir fuqu l-istess attakk li hu jagħmel fuq diversi nies. Il-ħażin jibqa' ħażin dejjem. It-tweġiba hi li n-nies tinduna l-viltà u l-mod manipulativ li bih imexxi l-programm*". Dik is-silta tagħmel minn artiklu twil u elaborat dwar il-metodoloġija mħaddma mill-attur fil-programmi tiegħu. Huwa kritika aċċettabbli bla ma marret fl-estrem li mar fih l-artiklu inkriminat li huwa l-mertu ta' din il-kawża;

"Illi meta l-qorti terġa' tqis il-provi mressqa mill-imħarrka u tkejjilhom mal-konsiderazzjonijiet li għamlet dwar l-eċċezzjoni minnha mressqa, hija tasal għall-fehma li hija ma seħħilhiex turi li mqar waħda mid-difiżi tagħha hija tajba. Dwar l-ewwel waħda, billi naqset li turi sostanzjal-ment b'fatti l-attributi kriminali li għamlet fil-konfront tal-attur; f'tat-tieni, għaliex id-difiża tal-kumment ġust taqa' jekk il-fatti ma jkunux minnhom;

---

[1] Joseph Mifsud *v.* Daphne Caruana Galizia, App. 17 ta' April 2001 (mhux pubblikata).

"Illi għalhekk il-qorti ssib li l-artiklu inkriminat jikkostitwixxi malafama u inġurja lill-attur u l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tintlaqa';

"Illi għar-rigward tal-kumpens tad-danni mġarrba għandu jiġi osservat li l-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. F'dan ir-rigward, jidher li l-kriterju għaqli li l-qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravità tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq;

"Illi l-qorti qiegħda tqis, fost l-oħrajn, li l-fatti allegati mill-artikolista ma jirriżultawx pruvati, illi x-xiljiet ta' reati jew imġiba kriminuża tal-attur iġġib magħha sanzjonijiet min-naħa tal-awtoritajiet u stmerrija mill-qarrej tal-artiklu, u li l-artikolista mħarrka ma wriet l-ebda sogħba għar-rimarki li għaddiet fil-konfront tal-attur;

"Illi, meħuda dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-qorti qiegħda tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu l-attur minħabba fl-inġurja mġarrba fis-somma ta' disa' mija u ħamsin euro (€ 950)."

5. Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Ottubru 2011 li għalih l-attur wieġeb bil-fomm waqt is-smigħ tal-appell. L-aggravji tal-konvenuta huma (i) illi l-ewwel qorti "ikkonvertiet" l-eċċezzjoni ta' *fair comment* imressqa mill-konvenuta f'eċċezzjoni tal-verità tal-fatti (*justification*); (ii) illi l-ewwel qorti naqset illi tiddistingwi bejn allegazzjoni ta' fatt u kumment; u (iii) illi l-ewwel qorti għamlet konsiderazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-liġi.

6. Il-konvenuta fissret hekk l-ewwel żewġ aggravji, li huma marbuta ma' xulxin:

"[… … …] l-ewwel qorti qalet illi "Illi dwar id-difiża tal-verità tal-fatti (*plea of justification*) irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbiltà kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom"; l-esponenti mhix qed tikkontesta dan id-dettam f'każi meta tkun id-difiża tal-konvenut iżda tħossha aggravata illi ġiet ikkunsidrata

> f’din il-kawża meta [… … …] fl-ebda stadju ma tqajmet jew ssemmiet. U l-kunsiderazzjonijiet li jsegwu fil-kumplament tas-sentenza huma bbażati fil-parti l-kbira tagħhom fuq dan il-prinċipju enunċjat” minnha “”fil-bidu tas-sentenza – meta fil-fatt u fid-dritt, ma japplikax.
>
> “[… … …]
>
> “[… … …] l-ewwel qorti ikkonkludiet illi: “meta l-qorti tqis il-provi mressqa mill-imħarrka u tkejjilhom mal-konsiderazzjonijiet li għamlet dwar l-eċċezzjoni minnha mressqa, hija tasal għall-fehma li hija ma seħħilhiex turi li mqar waħda mid-difiżi tagħha hija tajba. Dwar l-ewwel waħda, billi naqset li turi sostanzjalment b’fatti l-attributi kriminali li għamlet fil-konfront tal-attur; f’tat-tieni, għaliex id-difiża tal-kumment ġust taqa’ jekk il-fatti ma jkunux minnhom”. Jidher illi l-ewwel qorti hija ambivola [*sc.* ambivalenti] dwar il-konsiderazzjonijiet tagħha; fil-bidu tikkonsidra illi l-iskop tal-artiklu tal-konvenuta kien “li jikkritika l-istil tat-tmexxija tal-programmi radjufoniċi li jtella’ l-attur” għalkemm l-konvenuta użat il-metodoloġija żbaljata fil-kritika tagħha u susseg-wentement tikkonkludi illi l-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel eċċezzjoni tagħha (*cioè* dik tal-verità tal-fatti) u konsegwentement taqa’ t-tieni difiża tagħha ta’ *fair comment*. L-esponenti tibqa’ tirrepeti illi hija qatt ma tat difiża tal-verità tal-fatti, u għalhekk l-ewwel qorti ma setgħetx hija tikkreja difiża li l-esponenti qatt ma tat u wara li tiċħdilha din l-eċċezzjoni, tikkonkludi li konsegwentement taqa l-eċċezzjoni bbażata fuq l-ewwel difiża.”

7. Huwa minnu illi jekk taqra s-siltiet mis-sentenza appellata li ġew senjalati mill-konvenuta jista’ jidher illi l-ewwel qorti qieset l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti (li ma tressqitx mill-konvenuta), ċaħdet dik l-eċċezz-joni u, b’konsegwenza ta’ hekk, ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni ta’ *fair comment*. Madankollu, il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel qorti dwar il-verità tal-fatti ma kinux irrelevanti għax għandhom jitqiesu fid-dawl tal-fatt illi l-ewwel qorti iddistingwiet bejn allegazzjoni ta’ fatt u *comment* u effettivament waslet għall-konklużjoni illi l-konvenuta tagħmel mhux biss *comment* iżda wkoll allegazzjoni jew attribuzzjoni ta’ fatt. Ma ninsewx, wara kollox, illi l-eċċezzjoni tal-konvenuta kienet fis-sens illi l-kitba tagħha kienet “*fair comment* ibbażat u mibni fuq fatti

sostanzjalment veri u ta' interess pubbliku". Jekk il-fatti ma humiex "sostanzjalment veri", il-kummenti dwarhom ma jistgħux jitqiesu xierqa.

8. Qari tas-sentenza sħiħa juri illi dak li għamlet l-ewwel qorti kien fid-dawl tal-konsiderazzjoni tagħha illi l-konvenuta attribwiet fatti lill-attur biex imbagħad għamlet il-kummenti tagħha dwarhom. Dan joħroġ ċar minn din is-silta mis-sentenza appellata:

> "[… … … ] biex tirnexxi d-difiża tal-kumment ġust, irid jintwera li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun."

9. Jekk huwiex minnu jew le li l-konvenuta attribwiet fatti li jagħtu malafama lill-attur hija kwistjoni oħra li narawha aktar 'il quddiem, fil-konsiderazzjonijet dwar it-tielet aggravju: li hu relevanti f'dan l-istadju huwa illi l-ewwel qorti għamlet analisi tal-verità tal-fatti biex tara jekk huwiex validu jew le dak li tgħid il-konvenuta fid-difiża tagħha, *viz.* illi l-kitba tagħha hija "*fair comment* ibbażat u mibni fuq fatti sostanzjalment veri u ta' interess pubbliku", għax kumment fuq fatt attribwit lill-attur ma jistax ikun "*fair and bona fide*" jekk ma jkunx veru[2]. Din hija wkoll il-posizzjoni tad-dottrina fuq il-materja:

> "The defendant does not have to convince the court that his opinions are correct or even reasonable, but the comments must be based upon

[2] Ara Reginald G. Miller *v.* Harold Scorey, App. Krim. 8 ta' Novembru 1952, Vol. XXXVI-IV-843.

> true facts [… … …] [T]he defence is not available where a comment is based upon 'facts' which turn out to be incorrect—even where the comments have been made in the honest belief that they are true facts. The defence must prove that the facts commented on are substantially true. While in other respects fair comment is an easier defence for the media to make than justification, the requirement that the true facts be proven on the basis of evidence that was available at the time of publication may be somewhat more challenging in the context of a particular story."[3]

10. Għalhekk ma kien hemm xejn "ambivolu" jew, aħjar, ambivalenti f'dak li qalet l-ewwel qorti, li applikat b'mod korrett il-prinċipji legali applikabbli, kif, wara kollox, tagħraf il-konvenuta stess meta tgħid (fit-tielet aggravju tagħha) illi "hija konsapevoli illi biex tirnexxi d-difiża tagħha hija trid tressaq provi biex turi li din il-kritika bija bbażata fuq fatti sostanzjalment veri".

11. L-ewwel żewġ aggravji, għalhekk, safejn imsejsa fuq l-argument illi l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *fair comment* għax erronjament qisitha, minflok, bħala eċċezzjoni ta' ġustifikazzjoni jew verità tal-fatti, huma miċħuda.

12. It-tielet aggravju ġie mfisser hekk:

> "L-ewwel sottmissjoni tal-esponenti hija illi l-ġurisprudenza nostrana stabbiliet illi meta:
>
> > ""a. il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' ċerta notorjetà pubblika;
> >
> > "b. bejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku anke jekk tikkonċerna l-ħajja privata tal-persuna pubblika; u
> >
> > "ċ. fejn il-kritika tkun bażata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzialment veri

[3] D. Goldberg, G. Sutter and I. Walden (eds), *Media Law and Practice*, O.U.P. 2009, p. 406.

> "Il-qorti għandha f'dawn il-każijiet latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata *entro* l-limiti aċċettati tad-deċenza, permissibbli f'soċjetà demokratika."

"Mons. Anton Gauci *v.* Michael Schiavone *et*, Appell, deċiża. 8-11-1995; (ara wkoll Anġlu Fenech *v.* Carmel Callus, Appell, deċiz 4-2-1994).

"Il-*European Court of Human Rights* (ECHR), wara li enunċjat illi: "*In the Court's view, a careful distinction needs to be made between facts and value judgements. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgements is not susceptible of proof*" u żiedet illi jekk il-liġi tal-pajjiż tirrikjedi li persuna tipprova l-verità tal-kummenti tiegħu "*As regards value-judgements this requirement is impossible of fulfilment and it infringes freedom of opinion itself, which is a fundantental part of the right secured by Art. 10 of the convention*". L-ECHR żiedet illi dan il-prinċipju japplika mhux meta l-kummenti jiċċensaw [*sic*] lill dak li jkun:

> ""*In this connection, the Court has to recall that freedom of expression, as secured in para. 1 of Art. 10, constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to para. 2, it is applicable not only to 'information' or 'ideas' that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference,but also to those that shock, offend or disurb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society*." ECHR, Handyside judgement tas 7/12/1996 u Lingens judgement tat-9/7/1996.

"L-esponenti tissottometti illi l-"*freedom of expression*" huwa wieħed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem garantiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk huwa l-prinċipju bażiku; is-sentenzi tal-ECHR kif ukoll dawk tal-qrati nostrani għamlu differenza bejn il-fatti allegati u l-kummenti (l-ECHR issejħilhom "*value judgements*") u dement li l-fatti huma bbażati fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzialment veri, il-kummenti li "*shock*, *offend and disfurb*" u li "huma ażżardati" mhux libellużi. L-esponenti tissottometti illi l-provi imressqa mill-konvenuta jwasslu għall-prova meħtieġa illi l-metodoloġija użata mill-attur fil-presentazzjoni tal-programm tiegħu u ta' kif ixandar iwasslu biex jintefa' t-tajn fuq terzi li ma jaqblux mal-fehmiet politiċi tal-attur u l-mod malizzjuż kif jintlaħaq dan l-għan tal-attur.

"Ix-xhud Fr Joe Borg, *lecturer* fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni fl-Università ta' Malta, iddeskriva l-programm tal-attur bħala "*a hate programme*"; "*il-presentazzjoni tiegħu* (tal-attur) *kważi jġibha ħaġa mostruża*"; "*għalija kien straordinarjament oxxen*"; "*tant ma jkun qal xejn fir-realtà, imma tant ikun ikkomunikalek ħafna*".

"Is-sentenza tal-ewwel qorti anqas biss tipprova tiżen il-provi mressqa mill-esponenti; fil-fatt ma ssir ebda riferenza għall-provi mressqa mill-

esponenti. Xehed Dr Beppe Fenech Adami li ppreżenta t-traskrizzjoni tax-xandira li involviet lilu. Wari l-oxxenitajiet li qal is-semmigħ dwar Dr Fenech Adami, l-attur Manwel Cuschieri ikkumenta hekk: "*Nirringrazzjak; jiena dwar dak li qed tgħid inti ovvjament ma nixtieqx nikkummenta*" – f'dan l-istadju, meta l-attur kellu kull opportunità permezz tad-*delay system* li ma jħalli ebda parti mid-diskors oxxen tas-semmigħa jinstema' mill-pubbliku, ħalla d-diskors jiġi mxandar u flok iċċensurah ta' dak li qal irringrazzjah u ikkummenta li ma jixtieqx jikkummenta. Iżda nofs sekonda wara, jidher li reġa' bdielu u beda jikkummenta. Żied "*ma nafx eżattament x'qed tipprova tgħid minkejja li kont ċar ħafna f'dak li għedt, però dwar fatti oħra li għandi għad-disposizzjoni tiegħi nitkellem fil-mument opportun*". Apparti l-kontradizzioni *in termine* li jfaħħar il-kjarezza tas-semmigħ fid-diskors tiegħu u fl-istess sentenza jiddikjara li ma fehem xejn, idaħħal fattur ieħor (*i.e.* fatti oħra li għandu għad-disposizzioni tiegħu); dawn il-fatti oħra, fil-kuntest tad-diskors tiegħu, jirreferu neċessarjament (għax dan huwa s-soġġett li qed jitkellmu dwaru s-semmigħ u l-attur) għal fatti oħra dwar l-involviment ta' Dr Fenech Adami fil-qtil tal-Baruni Sant Cassia u l-attentat [*recte*, tentativ] ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana. Il-pubbliku li qed jisma' l-programm għandu għaliex jikkonkludi għalhekk li dak li qal is-semmigħ huwa minnu u jinsab korroborat u konfortat minn fatti oħra li għandu fil-pussess tiegħu l-attur. L-attur ikompli jikkummenta (ftit-qabel qal li ma jridx jikkummenta) illi "*ħażin li wieħed igħid kollox f'daqqa għax interessanti nistennew ir-reazzjoni ta' ħaddieħor*"; wieħed jinnota illi l-attur "*għandu xi jgħid*" dwar l-allegazzjonijiet oxxeni tas-semmigħ iżda għalissa mhux ser igħid dak li jaf "*għax interessanti nistennew ir-reazzioni ta' ħaddieħor*". Il-ħaddieħor li m'għandux aċċess għall-*microphone* tal-attur (u min ipprova jirrispondi fuq il-programm ma ngħatax aċċess) irreagixxa billi ppreżenta kawża ċivili u oħra kriminali, iżda s-semmigħ tal-programm tal-attur baqa' bix-xamma, sema' dak li sema' fil-programm u xejn iżjed.

"L-attur għalaq il-kummenti tiegħu billi qal "*Tajjeb li n-nies li ssemmew fuq din l-informazzjoni jgħidulna jekk huwiex veru jew le*". Tajjeb! Jekk ma tirrispondix li l-gideb li qed jingħadu fuqek mhumiex minnhom, allura huma minnhom. U kif u fejn ser tiddikiara li mhux veru? B'kawżi kif ippreżenta Dr Fenech Adami? Iżda billi l-persuna msemmija ma weġbitx fuq ir-radju, għas-semmigħa ma weġbitx u t-tajn jew parti minnu weħel – anzi skond il-kliem tal-attur b'loġika distorta, malizzjuża u sedizzjuża, *una volta* illi l-vittma ma ċaħadx minn fuq ir-radju, is-semmigħa għandhom jemmnu li l-ġideb oxxen li semgħu huma minnhom.

"Ix-xhud u x-xiehda tiegħu anqas biss gew msemmija, u wisq anqas ikkunsidrati, mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha. L-esponenti tissottometti illi din ix-xiehda waħedha hija biżżeijed biex tipprova li l-istil ta' komunikazzioni tal-attur hija waħda pervda u maħmuġa għall-aħħar. Ix-xhud ir-Rev. Dr Joe Borg jiddiskriviha "*mostruża, oxxena, ... a hate programme*". Għall-ewwel qorti, dawn il-provi ma jeżistux.

"Żewġ eżempji oħra ta' kif jikkonduċi l-programm l-attur huma dawk li jikkonċernaw lil Lou Bondi u Ernest Tonna. Mela persuna li kienet għal

xi żmien il-Canada (pajjiż li huwa akbar jew daqs il-kontinent Ewropew) fl-istess żmien li Lou Bondi kien ukoll emigrat fil-Canada tressqet il-qorti akkużata dwar importazzioni ta’ droga; l-attur ixandar illi din il-persuna tressqet il-qorti dwar importazzioni ta’ droga (fatt veru) fil-programm tiegħu u jistaqsi mill-istess programm lil Lou Bondi jekk jafx lil din il-persuna. Mistoqsi fil-kontroeżami għaliex għamel din il-mistoqsija u x’kienet il-konnessioni bejn Lou Bondi u Norman Bezzina (il-persuna akkużata bl-importazzioni tad-droga) wiegeb “għax it-tnejn kienu jaħdmu l-Canada flimkien”. Issa, anki jekk Bondi kien jaf lil Norman Bezzina u anki jekk flok kienu jaħdmu eluf ta’ mili ’l bogħod minn xulxin, kienu jaħdmu fuq l-istess skrivanija, wieħed jistaqsi għaliex mill-popolazzjoni kollha li kienet qed tgħix il-Canada fiż-żmien li Bondi u Bezzina kienu t-tnejn igħixu l-Canada, l-attur fettillu jistaqsi d-domanda jekk Bondi jafx lil Bezzina u dana fil-kuntest ta’ reati serjissimi ta’ droga. Kif jidħol Bondi fl-aġir legali, illegali, intimu jew pubbliku ta’ persuna adulta ohra? “*Tant ma jkun qal xejn fir-realtà imma tant ikun ikkomunikalek ħafna*” kif korrettement iddeskrivih ix-xhud, *lecturer* fil-komunikazzjoni fl-Università ta’ Malta, Fr Dr Joe Borg. Anki din ix-xiehda jidher li kienet kompletament irrilevanti għall-ewwel qorti billi anqas aċċenn għaliha rna saret fis-sentenza tagħha.

“Xehed Joseph Azzopardi u semma diversi każi ta’ dak li x-xhud stess xehed illi wara li jisma programm tal-attur “*kont noħroġ skandalizzat*”. Dan ix-xhud semma numru ta’ każi li sema’ hu u ta dettalji ta’ dak li sema’ u li skandalizzah. Anki din ix-xiehda tidher illi ma kienet ta’ ebda rilevanza għall-ewwel qorti.

“Fil-każ ta’ Ernest Tonna, l-attur ukoll staqsa l-istess domanda daqstant punġenti u malinja. Ernest Tonna hu ċ-*Chief Security Officer* mal-*Malta Freeport*. Persuna (fost il-mijiet) li jaħdmu l-*Freeport* tressaq il-qorti in konnessjoni ma’ reati ta’ droga u, minn fuq ir-radju, l-attur staqsa jekk Tonna kellux konoxxenza tal-persuna involuta fit-traffikar tad-drogi. Biex jagħmel l-affari iktar mistura u morbuża, l-attur l-ewwel ta inizjali u l-għada żvela l-isem ta’ Tonna. Id-domanda li staqsa l-attur hija kapzjuża u malinja għax ovvjament Tonna jaf lill-persuna akkużata billi huwi subaltern tiegħu fil-ġerarkija tal-*Malta Freeport* iżda hawnhekk ukoll wieħed jistaqsi x’fettillu l-attur jistaqsi jekk Tonna jafx lill-persuna akkużata fil-kuntest ta’ traffikar ta’ droga. It-tweġiba hija kopja tas-sentenza fil-kawża li ppreżenta Ernest Tonna kontra Manwel Cuschieri, li ġiet annessa man-nota ta’ osservazzjonijiet, deċiża bejn l-aħħar seduta quddiem l-ewwel qorti u d-data meta kellha tiġi ppreżentata n-nota ta’ osservazzjonijiet tat-8 ta’ Lulju 2005. L-esponenti tissottometti ulterjorment illi din is-sentenza li ngħatat (u hija eżibita fil-proċess man-nota ta’ osservazzjonijiet) sabet lill-attur ħati li mmalafama lil Ernest Tonna; id-danni mogħtija lil Ernest Tonna kienu a bażi ta’ danni delittwali. Għalhekk, anki l-konsiderazzioni tal-ewwel qorti, illi l-konvenuta naqset “*li turi sostanzjalment l-attributi kriminali li għamlet fil-konfront tal-attur*”, ma hix korretta. L-esponenti ma kellhiex għalfejn tgħamel il-prova illi l-attur ġie kkundannat kriminalment apparti illi fl-artiklu qatt ma tissemma l-kelma ‘aġir kriminali’, l-esponenti tissotto-metti illi l-ewwel qorti kellha teżamina jekk il-provi mressqa quddiemha

(il-każ ta' Fenech Adami, ta' Bondi u ta' Ernest Tonna u l-oħrajn) jistgħux jiġu deskritti bħala sedizzjużi.

"L-esponenti tissottometti illi minn dawn il-ftit eżempji (mill-mijiet ta' każi li ddisturbaw ix-xhieda kollha prodotti mill-konvenuta) li rriżultaw mill-provi, jirriżulta ampjament illi d-diportament ta' malizzja u ħażen tal-attur fix-xandiriet tiegħu huma tal-livell li huma. Il-konvenuta għadha d-dritt li tikkummenta dwar dan id-diportament tal-attur, li kien uffiċjal għoli f'partit politiku u figura pubblika permezz tal-programmi tiegħu. Hija kellha kull dritt f'soċjetà demokratika li tgħaddi *value judgement* dwar l-attur anki meta dawn il-*value judgements* "*shock*, *offend and disturb*", għax (a) huma dwar persuna ta' notorjetà pubblika; (b) ta' interess pubbliku; u (ċ) bbażata fuq u mibnija madwar fatti sostanzjalment veri. Ċittadin f'soċjetà demokratika ma jistax jiġi pprojbit milli jgħaddi kummenti dwar aġir abbużiv, malizzjuż u skandaluż ta' flgura pubblika għax allura "*the demands of that pluralism, tolerance and broadminhedness without which there is no democratic society*" ma jkunux ġew sodisfatti. L-ewwel qorti tqis illi l-*value judgement* tal-konvenuta dwar il-konvenut li tqis lill-attur b'ala "*Mr Evil*" u li qed ixerred "*hate creed*" u li juża l-istess stil użat fil-passat fl-anti-semitiżmu huma malafamanti; l-ewwel qorti, u numru ta' qarrejja – anki jekk dawn ikunu l-istramaġġoranza – jistgħu ma jaqblux mal-ġudizzju tal-konvenuta iżda ġudizzju (*value judgement*) jibqa', li l-appellanti għandha d-dritt tesprimi b'immunità f'pajjiż demokratiku. Il-ġudizzju jista' jkun offensiv u xokkanti, iżda dan huwa meta l-qrati jridu jagħatu l-protezzjoni legali tagħhom u mhux meta l-artiklu jinċensa u jfaħħar lil dak li jkun.

"Kif qalet l-ECHR, mhux biżżejjed li wieħed jifforma opinjoni dwar l-aġir ta' persuna pubblika; għandu d-dritt li jesprimi din l-opinjoni li fforma. Altrimenti flok demokrazija, wieħed isib dittatura fejn il-manifestazzjoni tal-opinjoni ta' dak li jkun kienet twasslu għal pieni xejn graditi, aktarx fatali biex id-dittatur jassigura ruħhu li dik l-opinjonista ġiet oppressa permanentement."

13. Jingħad qabel xejn illi l-kawża tallum ma hijiex dwar jekk l-attur tax malafama lil terzi bix-xandiriet tiegħu iżda jekk il-konvenuta tatx malafama lill-attur bl-artikolu li dwaru saret din il-kawża.

14. Ukoll, l-aggravju tal-konvenuta huwa mibni fuq il-premessa illi dak li għamlet kien kumment u mhux attribuzzjoni ta' fatti. Qari attent tas-sentenza juri illi dak li, fil-fehma tal-ewwel qorti, kien ta' malafama għall-attur ma kienx xi kumment jew opinjoni iżda l-attribuzzjoni lilu ta' "mibegħda razzjali" u ta' "aġenda sedizzjuża".

15. Dwar l-attribuzzjoni ta’ mibegħda razzjali din il-qorti hija tal-fehma illi ma jirriżultax illi, bħala fatt, il-konvenuta tallega illi l-attur ixewwex għal mibegħda razzjali. Li tgħid hu illi l-istil xewwiexi tax-xandiriet tiegħu jixbah l-istil xewwiexi tax-xandiriet ta’ dawk li, fi żminijiet oħra u f’pajjiżi oħra, kienu jxerrdu l-anti-semitiżmu. Ix-xebh ma huwiex mal-kontenut anti-semita tax-xandiriet iżda mal-istil tagħhom. Il-konvenuta qiegħda ċertament timplika illi l-attur ixewwex għal mibgħeda kontra persuni partikolari, iżda mhux għal mibegħda kontra nies ta’ razza oħra.

16. Ix-xiehda mressqa mill-konvenuta turi tassew illi l-attur kien ixewwex għal mibegħda jew, għall-inqas, jekk mhux mibegħda, stmellija u disprezz kontra persuni partikolari, ukoll bil-mezz ta’ tattiċi sleali bħal *suggestio falsi*. Ma jistax għalhekk jingħad illi l-kumment tagħha fuq l-istil tax-xandiriet tal-attur ma huwiex imsejjes fuq fatti sostanzjalment veri, jew li l-kumment ma kienx wieħed li seta’ leġittimament isir fiċ-ċirkostanzi.

17. Din il-qorti għalhekk ma taqbilx mal-ewwel qorti illi l-konvenuta xliet lill-attur b’mibegħda razzjali jew li għamlet kummenti mhux xierqa f’dan il-kuntest.

18. Dwar l-attribuzzjoni ta’ “sedizzjoni” u “aġenda sedizzjuża” din il-qorti taqbel illi dan ma huwiex kumment iżda tassew attribuzzjoni ta’ fatt speċifiku lill-attur, *i.e.* illi dak li jagħmel jagħmlu bil-ħsieb (u għalhekk għandu aġenda) ta’ sedizzjoni. Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk l-

attur kienx onest jew diżonest, qalx is-sewwa jew xandarx il-gideb fix-xandiriet tiegħu, iżda (i) jekk dak li qal kienx sedizzjuż jew bi ħsieb ta' sedizzjoni u (ii) jekk tallega li persuna qalet kliem sedizzjuż tkunx b'hekk qiegħed tagħti malafama lil dik il-persuna.

19. Il-kelma sedizzjoni għandha tifsira b'konnotazjonijiet kriminali fejn persuna timmina b'mezzi illeċiti l-istabbilita` ta' Gvern elett demokratikament.

20. Għalhekk dak li jingħad fir-rikors tal-appell, illi "fl-artiklu qatt ma tissemma l-kelma 'aġir kriminali'", ma huwiex korrett. Ukoll it-tifsira lessikali tal-kelma hija l-istess. *Shorter Oxford Dictionary* jfisser "*sedition*" bħala "*conduct or language inciting people to rebellion or a breach of public order; agitation against the constituted authority of a State*", u "*seditious*" tfisser "*given to or guilty of sedition; practising sedition; of pertaining to or of the nature of sedition; tending to provoke sedition*".

21. Ma jistax jiġi serjament kontestat illi meta tgħid illi bniedem għamel għemil ta' natura kriminali tkun qiegħed b'hekk tagħtih malafama. Għalhekk, kif sewwa tgħid il-konvenuta stess fir-rikors tal-appell, il-qorti għandha tara "jekk il-provi [... ... ...] (il-każ ta' Fenech Adami, ta' Bondi u ta' Ernest Tonna u l-oħrajn) jistgħux jiġu deskritti bħala sedizzjużi". Xejn fix-xiehda tal-konvenuta ma juri illi l-imġieba tal-attur kienet sedizzjuża kif il-kelma hija fuq imfissra, u għalhekk l-attribuzzjoni lill-

attur ta’ aġenda sedizzjuża ma għandhiex mis-sewwa. Għalhekk, meta l-konvenuta qalet illi l-attur kien sedizzjuż u għandu aġenda sedizzjuża ma kinitx qiegħda tagħmel kumment jew *value judgement* fuq fatt sostanzjalment veru, iżda kienet qiegħda tattribwixxi lilu fatt li ma huwiex minnu u li jagħtih malafama għax huwa attribuzzjoni ta’ “aġir kriminali”.

22. Jista’ jkun illi meta l-konvenuta nqdiet bil-kliem “*sedition*” u “*seditious agenda*” ma fehmithomx fit-tifsira tekniko-legali tagħhom, għalkemm, kif rajna, din hija wkoll it-tifsira lessikali. Anzi, bix-xiehda ta’ fatti li ressqet, il-konvenuta turi illi ma kinitx qiegħda tifhem il-kliem f’dak is-sens għax imkien ma tattribwixxi fatti li jistgħu jitqiesu legalment sedizzjużi.

23. Madankollu, il-fatti li dwarhom ressqet xiehda l-konvenuta ma jissemmewx fl-artikolu u għalhekk ma setgħux iservu ta’ għajnuna għal min jaqra l-artikolu biex il-kliem jifhmu fis-sens li riedet u li fehmet il-konvenuta. Li jiswa mhux kif tifhem kliemha l-konvenuta iżda kif jifhem dak il-kliem min jaqra l-artikolu fid-dawl tat-tagħrif kollu li jagħti l-istess artikolu. Ma nistgħux nassumu illi min jaqra l-artikolu sejjer jifhem il-kliem f’xi tifsira oħra ħlief dik proprja tagħhom.

24. Din il-qorti għalhekk, bħall-ewwel qorti, tifhem illi l-konvenuta tassew tat malafama lill-attur meta attribwiet lilu għemil u aġenda sedizzjużi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż relattivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------